# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fil-15 ta' Jannar 2020[1]

**Kawża C-753/18**

**Föreningen Svenska Tonsättares Internationella Musikbyrå u.p.a. (Stim),**
**Svenska artisters och musikers intresseorganisation ek. för. (SAMI)**
**vs**
**Fleetmanager Sweden AB,**
**Nordisk Biluthyrning AB**

(talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema, l-Isvezja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proprjetà intellettwali – Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – Direttiva 2001/29/KE – Artikolu 3(1) – Direttiva 2006/115/KE – Artikolu 8(2) – Kunċett ta' 'komunikazzjoni lill-pubbliku' – Kumpannija ta' kiri ta' vetturi kollha mgħammra b'radju bħala apparat standard"

## Introduzzjoni

1. Ftit kwistjonijiet fid-dritt tal-Unjoni wasslu għal daqstant deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fi żmien tant qasir daqs l-interpretazzjoni tal-kunċett tad-"dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku fid-drittijiet tal-awtur"[2]. Din il-ġurisprudenza abbundanti, iżda neċessarjament frammentata, ġiet ikklassifikata bħala "labirint" u l-Qorti tal-Ġustizzja stess bħala "Teżew"[3].

2. Minkejja li din il-kawża ma twassalx għal sistematizzazzjoni kompleta ta' din il-ġurisprudenza[4], hija tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tistabbilixxi xi prinċipji ġenerali li jippermettu li jiġi ddefinit b'mod iktar preċiż dak li jaqa' fid-dritt tal-komunikazzjoni lill-pubbliku u dak li ma jaqax fih. B'mod iktar preċiż, din il-kawża tirrigwarda b'mod partikolari l-element kruċjali ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, jiġifieri l-att ta' komunikazzjoni.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Iktar minn għoxrin sentenza u digriet dwar din il-kwistjoni mis-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2005 Mediakabel (C-89/04, EU:C:2005:348).

3 Clark, B., Dickenson, J., "Theseus and the labyrinth? An overview of "communication to the public" under EU copyright law: after Reha Training and GS Media where are we now and where do we go from there?", *European Intellectual Property Review*, nru 5/2017, p. 265. Sfortunatament l-awturi ma jispjegawx min, hawnhekk, hu l-Minotawr.

4 Fuq kollox dan jista' jkun impossibbli, skont id-duttrina (ara: Treppoz, E., "De l'art jurisprudentiel au rang de feuilleton ou l'impossible systématisation du droit de communication au public", *Revue trimestrielle de droit européen*, nru 4/2017, p. 864).

**Il-kuntest ġuridiku**

3. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni [5] jistabbilixxi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi bid-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħolijiet tagħhom, bil-fili jew mezzi mingħajr fili, inklużi li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku x-xogħolijiet tagħhom b'mod li membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom."

4. Skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali [6]:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu dritt biex jiżguraw li jitħallas ħlas uniku ekwu mill-utent, jekk jintuża fonogramm ippubblikat għall-finijiet kummerċjali, jew tintuża riproduzzjoni ta' dan il-fonogramm, għax-xandir b'mezzi mingħajr fili jew għal kull komunikazzjoni lill-pubbliku, u biex jiżguraw li dan il-ħlas jitqassam bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogramm relevanti. L-Istati Membri jistgħu, fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogramm, jistipulaw il-kondizzjonijiet għat-tqassim ta' dan il-ħlas bejniethom."

5. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 ġew trasposti fid-dritt Svediż, fil-punt 1 tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 2 u fl-Artikolu 47 tal-upphovrättslagen (1960:279) (il-Liġi Nru 279 tal-1960 dwar id-Drittijiet tal-Awtur) rispettivament.

**Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari**

6. Föreningen Svenska Tonsättares Internationella Musikbyrå (Stim) u.p.a. (organizzazzjoni Svediża ta' ġestjoni tad-drittijiet tal-kompożituri ta' xogħlijiet mużikali u tal-edituri tagħhom, iktar 'il quddiem "Stim") u Svenska artisters och musikers intresseorganisation ek. för. (organizzazzjoni Svediża ta' ġestjoni tad-drittijiet relatati tal-artisti, iktar 'il quddiem "SAMI") huma organizzazzjonijiet Svediżi ta' ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati.

7. Fleetmanager Sweden AB (iktar 'il quddiem "Fleetmanager") u Nordisk Biluthyrning AB (iktar 'il quddiem "NB") huma kumpanniji ta' kiri ta' vetturi stabbiliti fl-Isvezja. Huma jipprovdu, b'mod dirett jew permezz ta' intermedjarji, vetturi mgħammra b'settijiet tar-radju għall-kiri għal perijodi li ma jaqbżux id-29 jum, li huwa kkunsidrat bħala kiri għal perijodu qasir.

8. Fl-ewwel miż-żewġ kawżi li fil-kuntest tagħhom ġew imressqa d-domandi preliminari f'din il-kawża, Stim talbet lil Fleetmanager tħallasha s-somma ta' 369 450 krona Svediża (SEK) (madwar EUR 34 500), bl-interessi, minħabba l-involviment tagħha fir-rigward tal-fatt li, mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' Stim, terzi persuni poġġew xogħlijiet mużikali għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, fis-sens tad-drittijiet tal-awtur, billi poġġew għad-dispożizzjoni tal-pubbliku vetturi mgħammra b'settijiet tar-radju għal kirjiet għal perijodu qasir.

5 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230.

6 ĠU 2006, L 376, p. 28.

9. It-tingsrätt (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, l-Isvezja) ikkonstatat li l-kiri ta' vetturi mgħammra b'sett tar-radju kien jikkostitwixxi komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens tal-Liġi Nru 279 tal-1960 dwar id-Drittijiet tal-Awtur u li, bħala prinċipju, kien dovut ħlas għad-danni. Madankollu, hija kkonstatat ukoll li Fleetmanager ma kinitx ipparteċipat f'dan il-ksur tad-drittijiet tal-awtur, b'tali mod li r-rikors ta' Stim ġie miċħud. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell. Stim appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema, l-Isvezja).

10. Fit-tieni kawża, NB ressqet rikors quddiem il-Patent- och marknadsdomstolen (il-Qorti tal-Proprjetà Intellettwali u tal-Affarijiet Ekonomiċi, l-Isvezja) sabiex jiġi deċiż li ma kinitx obbligata tħallas kontribuzzjonijiet lil SAMI għall-użu ta' reġistrazzjonijiet awdjo bejn l-1 ta' Jannar 2015 u l-31 ta' Diċembru 2016 minħabba l-fatt li l-vetturi mikrija lil individwi jew lil negozjanti kienu mgħammra b'sett tar-radju jew CD player.

11. Il-Patent och marknadsdomstolen (il-Qorti tal-Proprjetà Intellettwali u tal-Affarijiet Ekonomiċi) ikkonstatat li l-Liġi Nru 279 tal-1960 dwar id-Drittijiet tal-Awtur kellha tiġi interpretata b'mod konformi mad-Direttiva 2001/29 u li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-użu rilevanti msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 kien jikkorrispondi ma' "komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29. Hija kkonstatat ukoll li billi poġġiet għad-dispożizzjoni xi settijiet tar-radju fil-vetturi tal-kiri, NB kienet qiegħda tagħti r-reġistrazzjonijiet awdjo lil min jikri l-imsemmija vetturi u li din għalhekk kienet kwistjoni ta' "komunikazzjoni". Barra minn hekk, din il-qorti qieset li l-kriterji l-oħra tal-"komunikazzjoni lill-pubbliku" kienu ssodisfatti wkoll. Abbażi tal-provi mressqa minn SAMI, ġie kkonstatat li l-ħdax-il vettura li kienu jappartjenu lir-rikorrenti kienu ġew mikrija b'medja ta' 528 darba fis-sena. Minn dan, il-Patent och marknadsdomstolen (il-Qorti tal-Proprjetà Intellettwali u tal-Affarijiet Ekonomiċi) ikkonkludiet li NB għandha tħallas id-danni lil SAMI u ċaħdet ir-rikors tagħha. Għall-kuntrarju, din is-sentenza ġiet annullata fl-appell mill-Patent- och marknadsöverdomstolen (il-Qorti tal-Appell tal-Proprjetà Intellettwali u tal-Affarijiet Ekonomiċi, l-Isvezja). SAMI appellat mis-sentenza ta' din tal-aħħar quddiem il-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema).

12. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-kiri ta' vetturi mgħammra b'mod standard b'riċetturi tar-radju [b'settijiet tar-radju] għandu l-effett li l-persuna li tikri dawn il-vetturi lil persuni oħra hija utent li jwettaq 'komunikazzjoni lill-pubbliku', fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115?

2) Il-volum tal-attività ta' kiri ta' vetturi kif ukoll it-tul tal-kiri jista' jkollhom xi effett?"

13. It-talba għal deċiżjoni preliminari waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Novembru 2018. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-partijiet fil-kawża prinċipali u mill-Kummissjoni. L-istess partijiet instemgħu wkoll waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru 2019.

## Analiżi

### *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

14. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-kiri ta' vetturi mgħammra b'settijiet tar-radju jikkostitwixxix komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115.

15. Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-terminu "komunikazzjoni lill-pubbliku" użat fiż-żewġ dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija għandu jiġi interpretat bħala li għandu l-istess tifsira[7]. B'hekk, ir-risposta li ser tagħti l-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża ser ikollha l-istess portata fil-kuntest taż-żewġ dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija, minkejja l-eventwali diverġenzi terminoloġiċi fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti tagħhom, b'mod partikolari l-verżjoni bil-lingwa Svediża.

16. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jagħti lill-awturi d-dritt ta' natura preventiva li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kwalunkwe komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom. L-awturi b'hekk huma f'pożizzjoni, b'mod partikolari, li jiksbu dħul mill-użu tax-xogħlijiet tagħhom meta jkun hemm komunikazzjoni lill-pubbliku.

17. L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 ma jagħtix dritt esklużiv analogu. Għall-kuntrarju, din id-dispożizzjoni tiżgura lill-artisti u lill-produtturi tal-fonogrammi ħlas ekwu fil-każ fejn il-fonogramm jiġi kkomunikat lill-pubbliku.

18. La d-Direttiva 2001/29 u lanqas id-Direttiva 2006/115 ma jagħtu definizzjoni legali tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku". Ċerti spjegazzjonijiet fir-rigward tat-tifsira li għandha tingħata lil dan il-kunċett jirriżultaw mill-premessa 23 tad-Direttiva 2001/29. Skont din il-premessa, l-imsemmi kunċett ikopri kull komunikazzjoni lill-pubbliku mhux preżenti fil-lok fejn toriġina l-komunikazzjoni. Id-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jkopri kull trażmissjoni jew trażmissjoni mill-ġdid, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, inkluż ix-xandir. Il-premessa 27 ta' din id-direttiva żżid li s-sempliċi provvista ta' faċilitajiet fiżiċi biex tkun tista' sseħħ jew biex isseħħ komunikazzjoni ma tikkostitwixxix fiha nnifisha komunikazzjoni lill-pubbliku.

19. Għandu jitfakkar ukoll li, mill-perspettiva teknika, il-komunikazzjoni lill-pubbliku jista' jkollha żewġ forom prinċipali: il-komunikazzjoni fiha nnifisha u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Fl-ewwel każ, huwa l-utent li minnu toriġina l-komunikazzjoni li jiddeċiedi l-mod tekniku u l-mument li fih issir il-komunikazzjoni, filwaqt li d-destinatarji potenzjali jkunu jistgħu jirċievu, jew le, din il-komunikazzjoni. Fit-tieni każ, ix-xogħol jitqiegħed għad-dispożizzjoni tad-destinatarji b'mod permanenti, u dawn ikun jista' jkollhom aċċess fil-post u fil-mument magħżul minnhom. Dan it-tieni eżempju jirrigwarda b'mod partikolari s-servizzi on demand u l-internet. F'din il-kawża, li tirrigwarda x-xogħlijiet imxandra, japplika l-ewwel eżempju, jiġifieri l-komunikazzjoni fis-sens strett.

20. Diversi kawżi taw l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddefinixxi l-parametri tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku".

21. B'mod partikolari, hija kkonstatat li komunikazzjoni lill-pubbliku tinkludi żewġ elementi kumulattivi, jiġifieri att ta' komunikazzjoni ta' xogħol protett u pubbliku li għalih hija indirizzata din il-komunikazzjoni[8].

22. Ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari f'din il-kawża tirrikjedi analiżi dwar jekk dawn iż-żewġ elementi humiex issodisfatti fil-każ ta' kiri ta' vetturi mgħammra b'settijiet tar-radju.

23. Mingħajr dubju, u barra minn hekk dan il-punt ma huwiex ikkontestat mill-partijiet, il-kumpanniji ta' kiri ta' vetturi ma jwettqux atti ta' trażmissjoni ta' xandiriet tar-radju, peress li din it-trażmissjoni ssir mill-organi tax-xandir. Madankollu dan ma jeskludix, *a priori*, li l-attività tal-imsemmija kumpanniji tista' tiġi kklassifikata, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħala li taqa' taħt id-dritt esklużiv tal-komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115.

7 Sentenza tal-31 ta' Mejju 2016, Reha Training (C-117/15, EU:C:2016:379, punt 33).

8 Ara, reċentement, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Renckhoff (C-161/17, EU:C:2018:634, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24. Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda l-att ta' komunikazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat l-eżistenza tiegħu f'numru ta' ċirkustanzi li jmorru lil hinn mill-kuntest ta' sempliċi trażmissjoni diretta ta' xogħol, pereżempju permezz tax-xandir.

25. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala komunikazzjoni lill-pubbliku l-fatt li lukanda tagħti aċċess lill-klijenti tagħha għal xogħlijiet protetti permezz ta' settijiet ta' televiżjoni fil-kmamar u tiddistribwixxi permezz ta' dawn is-settijiet is-sinjal tat-televiżjoni rċevut mill-antenna ċentrali [9]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni bejn is-sempliċi provvista ta' installazzjonijiet fiżiċi li ma tikkostitwixxix komunikazzjoni lill-pubbliku u l-fatt li jiġi ddistribwit is-sinjal permezz ta' dawn l-installazzjonijiet li, min-naħa tiegħu, jaqa' f'dan il-kunċett [10].

26. L-istess japplika meta lukanda ma tipprovdix settijiet tat-televiżjoni fil-kmamar, iżda apparat li jippermetti li jinstemgħu diski CD u d-diski stess [11]. Fil-fatt, tali stabbiliment, billi jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-klijenti tiegħu kemm l-apparat tekniku li jippermetti aċċess għal xogħlijiet protetti kif ukoll ipoġġi għad-dispożizzjoni tagħhom dawn ix-xogħlijiet stess fil-forma ta' fonogrammi fuq diski CD, iwettaq komunikazzjoni lill-pubbliku tal-imsemmija xogħlijiet protetti [12].

27. Jikkostitwixxi wkoll komunikazzjoni lill-pubbliku l-fatt li l-operatur ta' stabbiliment aċċessibbli għall-pubbliku jippermetti deliberatament lill-imsemmi pubbliku li jaċċedi għal xogħlijiet protetti mxandra permezz tas-settijiet tat-televiżjoni installati fl-imsemmi stabbiliment [13].

28. Il-komunikazzjoni lill-pubbliku tista' tikkonsisti wkoll fir-reġistrazzjoni ta' xandiriet imxandra u fit-tqegħid ta' kopji tagħhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz ta' servizz internet ta' reġistrazzjoni mill-bogħod fil-cloud (cloud computing) [14].

29. Dejjem fil-qasam tal-internet, għandha tiġi kklassifikata bħala att ta' komunikazzjoni mhux biss il-pubblikazzjoni ta' xogħol fuq sit internet [15], iżda wkoll il-fatt li jiġu pprovduti ħolqiet (links) li tikklikkja fuqhom li jwasslu għal xogħlijiet protetti li jinsabu fuq sit internet ieħor [16]. Barra minn hekk, ma huwiex imperattiv, għall-finijiet ta' din il-klassifikazzjoni, li dawn il-ħolqiet ikunu fuq sit internet: huma jistgħu wkoll ikunu rreġistrati minn qabel fis-softwer ta' mediaplayer, jiġifieri apparat tekniku. L-att ta' komunikazzjoni allura jikkonsisti fil-provvista ta' dawn il-mediaplayers [17]. Madankollu, b'mod analogu mal-kawża li wasslet għas-sentenza SGAE [18], ma hijiex is-sempliċi provvista ta' apparat tekniku li tagħti lok għall-komunikazzjoni, iżda l-fatt li f'dan l-apparat ikunu ġew installati minn qabel links lejn xogħlijiet imqiegħda għad-dispożizzjoni (mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur) fuq l-internet [19].

30. Finalment, hija att ta' komunikazzjoni l-provvista u l-ġestjoni ta' pjattaforma ta' qsim online, fil-kuntest ta' netwerk peer-to-peer [20].

9 Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punt 1 tad-dispożittiv).

10 Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punt 46).

11 Sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Phonographic Performance (Ireland) (C-162/10, EU:C:2012:141, punt 3 tad-dispożittiv).

12 Sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Phonographic Performance (Ireland) (C-162/10, EU:C:2012:141, punt 62).

13 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2011, Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 7 tad-dispożittiv), u tal-31 ta' Mejju 2016, Reha Training (C-117/15, EU:C:2016:379, l-aħħar sentenza tad-dispożittiv).

14 Sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, VCAST (C-265/16, EU:C:2017:913, punti 46 sa 49).

15 Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Renckhoff (C-161/17, EU:C:2018:634, punt 21).

16 Sentenza tat-13 ta' Frar 2014, Svensson *et* (C-466/12, EU:C:2014:76, punt 20). Jekk, f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kklassifikatx il-provvista tal-ħolqiet lejn kontenut liberament aċċessibbli fuq l-internet bħala komunikazzjoni lill-pubbliku, kien minħabba nuqqas ta' pubbliku ġdid li lilu tali komunikazzjoni kienet indirizzata (ara l-punt 27 tas-sentenza).

17 Sentenza tas-26 ta' April 2017, Stichting Brein (C-527/15, EU:C:2017:300, punt 42).

18 Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006 (C-306/05, EU:C:2006:764).

19 Ara s-sentenza tas-26 ta' April 2017, Stichting Brein (C-527/15, EU:C:2017:300, punti 39 sa 41).

20 Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2017, Stichting Brein (C-610/15, EU:C:2017:456, punt 39).

31. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha dwar l-eżistenza ta' att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ir-rwol inevitabbli li għandu l-utent li jaġixxi b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi tal-aġir tiegħu sabiex jagħti aċċess lill-pubbliku għal xogħlijiet protetti [21].

32. Issa, dan l-intervent tal-utent ma għandux jiġi limitat għall-apparat tekniku li jippermetti li jitgawdew xogħlijiet protetti, bħas-settijiet tar-radju jew tat-televiżjoni, is-CD players jew inkella l-mediaplayers. Tali intervent limitat għandu fil-fatt jiġi assimilat mas-sempliċi provvista ta' apparat tekniku, li ma tikkostitwixxix komunikazzjoni lill-pubbliku, skont ir-regola ta' interpretazzjoni li tinsab fil-premessa 27 tad-Direttiva 2001/29.

33. Sabiex jikkostitwixxi komunikazzjoni lill-pubbliku, l-intervent tal-utent għandu neċessarjament jaffettwa x-xogħlijiet protetti stess, jiġifieri l-kontenut tal-komunikazzjoni.

34. Dan l-intervent fuq il-kontenut tal-komunikazzjoni jista' jieħu diversi forom. Jista' jkun trażmissjoni tas-sinjal lejn settijiet tat-televiżjoni installati fil-kmamar ta' lukanda, il-provvista ta' diski CD flimkien ma' CD players, ir-rappreżentazzjoni ta' xandiriet tat-televiżjoni fi spazji pubbliċi, l-użu ta' ħolqiet internet li jwasslu għal xogħlijiet protetti jew l-installazzjoni minn qabel ta' tali ħolqiet fuq mediaplayer, ir-reġistrazzjoni ta' xandiriet imxandra jew anki, saħansitra, l-indiċjar ta' metadata relatata ma' xogħlijiet fil-kuntest ta' netwerk peer-to-peer.

35. L-ebda waħda minn dawn il-forom ta' intervent ma hija rikjesta (fiha nnifisha) sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' att ta' komunikazzjoni. Madankollu huma kollha għandhom punt komuni, jiġifieri r-rabta diretta bejn l-intervent tal-utent u x-xogħlijiet protetti hekk ikkomunikati. Dan il-punt komuni huwa l-element ċentrali li mingħajru ma jistax ikun hemm att ta' komunikazzjoni.

36. Jiena għalhekk ma naqbilx mal-argument tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma stabbilixxietx rekwiżit ġenerali f'dan is-sens sabiex tkun ikkonstatata l-eżistenza ta' att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku. Fil-fatt, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma speċifikatx espressament dan ir-rekwiżit bħala regola ġenerali, huwa għaliex dan huwa inerenti għall-kunċett stess ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", peress li din il-komunikazzjoni għandu neċessarjament ikollha kontenut li jikkonsisti f'xogħlijiet protetti. Madankollu, dan ir-rekwiżit tal-intervent fuq il-kontenut tal-komunikazzjoni, anki jekk ma jissemmiex b'mod espliċitu, huwa impliċitament preżenti fid-deċiżjonijiet kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja li fihom hija kkonstatat l-eżistenza ta' att ta' komunikazzjoni.

37. Dan huwa partikolarment viżibbli fid-deċiżjonijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tagħmel distinzjoni bejn att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku u sempliċi provvista ta' apparat tekniku. Fihom il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-element determinanti tal-eżistenza ta' att ta' komunikazzjoni, jiġifieri l-intervent dirett fuq il-kontenut tal-komunikazzjoni, peress li dan l-element huwa differenti mill-provvista ta' apparat. B'hekk, ma huwiex il-fatt li ġew installati settijiet ta' televiżjoni fil-kmamar tal-lukanda, iżda d-distribuzzjoni tas-sinjal li tikkostitwixxi l-att ta' komunikazzjoni [22]. B'mod analogu, il-provvista ta' CD players ma kinitx tikkostitwixxi tali att mingħajr il-provvista parallela tad-diski CD, peress li dawn iż-żewġ elementi huma t-tnejn neċessarji sabiex jitgawdew ix-xogħlijiet protetti [23]. Bl-istess mod, fin-nuqqas ta' ħolqiet installati minn qabel li jippermettu l-aċċess fuq l-internet għal xogħlijiet protetti, is-sempliċi provvista ta' mediaplayers ma kinitx twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata l-eżistenza ta' att ta' komunikazzjoni [24].

21 Ara, reċentement, is-sentenza tas-26 ta' April 2017, Stichting Brein (C-527/15, EU:C:2017:300, punt 31).

22 Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punt 46).

23 Sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Phonographic Performance (Ireland) (C-162/10, EU:C:2012:141, punti 62 u 67).

24 Sentenza tas-26 ta' April 2017, Stichting Brein (C-527/15, EU:C:2017:300, punti 39 sa 41).

38. Issa, fl-opinjoni tiegħi huwa evidenti biżżejjed li l-impriżi ta' kiri ta' vetturi ma jwettqu l-ebda intervent li jirrigwarda direttament ix-xogħlijiet jew il-fonogrammi li huma mxandra u li jistgħu eventwalment jinstemgħu mill-klijenti tagħhom permezz tas-settijiet tar-radju li bihom huma mgħammra l-vetturi mikrija. Dawn il-kumpanniji sempliċement jipprovdu lill-klijenti tagħhom vetturi mgħammra mill-manifatturi tagħhom b'settijiet tar-radju. Huma l-klijenti ta' dawn il-kumpanniji li jieħdu d-deċiżjoni jekk jisimgħux jew le x-xandiriet imxandra.

39. Is-settijiet tar-radju installati fil-vetturi huma kkonċepiti b'tali mod li jkunu jistgħu jaqbdu, mingħajr ebda intervent addizzjonali, ix-xandir terrestri fiż-żona li fiha jinsabu. L-unika komunikazzjoni lill-pubbliku li ssir hija għalhekk dik imwettqa mill-organi tax-xandir. Min-naħa l-oħra, hawnhekk ma hawn l-ebda komunikazzjoni lill-pubbliku sussegwenti, b'mod partikolari mill-kumpanniji tal-kiri tal-vetturi. Issa, meta awtorizzaw ix-xandir tax-xogħlijiet protetti li fir-rigward tagħhom huma l-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati, il-klijenti ta' Stim u ta' SAMI kellhom neċessarjament jieħdu inkunsiderazzjoni l-utenti kollha li għandhom settijiet tar-radju u li jinsabu fiż-żona ta' kopertura tat-trażmissjoni, inkluż is-settijiet tar-radju installati f'vetturi u irrispettivament mill-mod ta' kif dawn il-vetturi jintużaw.

40. Ir-rwol tal-kumpanniji tal-kiri ta' vetturi huwa għalhekk limitat għas-sempliċi provvista ta' installazzjonijiet intiżi sabiex jippermettu komunikazzjoni lill-pubbliku, li, skont il-premessa 27 tad-Direttiva 2001/29, ma tikkostitwixxix tali komunikazzjoni [25]. L-argument imressaq minn Stim u SAMI fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, li din il-premessa tkopri biss l-atturi speċjalizzati fil-manifattura jew fil-bejgħ ta' apparat intiż sabiex ikun hemm komunikazzjoni mill-bogħod, huwa bbażat fuq qari żbaljat tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari tas-sentenza SGAE [26]. Fil-fatt, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat diversi drabi l-eżistenza ta' att ta' komunikazzjoni, dan ma kienx minħabba l-fatt tal-kwalità tal-utent ikkonċernat, iżda minħabba l-intervent addizzjonali tal-imsemmi utent, li jmur lil hinn mis-sempliċi provvista ta' apparat, bħat-trażmissjoni tas-sinjal. Fil-kawża li wasslet għas-sentenza Stichting Brein [27], l-utent ikkonċernat kien "attur speċjalizzat fil-provvista ta' mediaplayers". Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu kkonstatat l-eżistenza ta' att ta' komunikazzjoni minħabba l-kontenut tas-softwer ta' dawn il-mediaplayers.

41. Lanqas ma għandu jiġi aċċettat l-argument ta' Stim u ta' SAMI li r-responsabbiltà tal-kumpanniji ta' kiri ta' vetturi għandha tirriżulta mill-fatt li dawn iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-klijenti tagħhom spazji, li Stim u SAMI jikklassifikaw bħala "pubbliċi", jiġifieri l-parti interna tal-vetturi tal-kiri, li fihom jistgħu jinstemgħu xogħlijiet protetti permezz tas-settijiet tar-radju li bihom huma mgħammra dawn il-vetturi. L-istess bħall-provvista tas-settijiet tar-radju stess, il-"provvista" tal-ispazju li fih huwa possibbli jintużaw dawn is-settijiet tar-radju ma hijiex att ta' komunikazzjoni fin-nuqqas ta' intervent tal-utent dwar il-kontenut ta' din il-komunikazzjoni, jiġifieri x-xogħlijiet protetti.

42. Min-naħa l-oħra, naqbel mal-pożizzjoni ta' Stim u ta' SAMI li huwa irrilevanti li s-settijiet tar-radju kienu installati fil-vetturi mill-manifatturi tal-imsemmija vetturi. Madankollu, bl-istess loġika, lanqas ma huwa rilevanti jkun magħruf jekk il-kumpanniji ta' kiri ta' vetturi ma jridux, kif jallegaw Stim u SAMI, jew ma jistgħux, kif jallegaw l-imsemmija kumpanniji, iżarmaw jew jagħmlu dawn is-settijiet tar-radju inutilizzabbli. Dawn il-fatti fil-fatt ma jirrigwardawx atti ta' komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet protetti, iżda sempliċement il-provvista ta' apparat tekniku u jibqgħu, bħala tali, barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet tal-awtur.

25 Il-Kummissjoni tikkontesta din il-konstatazzjoni, filwaqt li tosserva li l-għan tal-attività tal-kumpanniji ta' kiri ta' vetturi huwa li jipprovdu l-vetturi, u mhux is-settijiet tar-radju li huma installati fihom. Madankollu, jidhirli li huwa possibbli li jiġi aċċettat li hemm provvista ta' settijiet tar-radju anċillari mal-provvista ta' vetturi. Fi kwalunkwe każ, u hawnhekk naqbel mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni, f'dan il-każ bl-ebda mod ma hija kwistjoni ta' att ta' komunikazzjoni.

26 Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, (C-306/05, EU:C:2006:764).

27 Sentenza tas-26 ta' April 2017 (C-527/15, EU:C:2017:300).

43. Finalment, il-fatt li l-possibbiltà li wieħed jisma' xogħlijiet protetti fil-vetturi tal-kiri permezz tas-settijiet tar-radju hemm installati jikkontribwixxi sabiex l-attività tal-kiri tal-imsemmija vetturi tkun iktar attraenti u profittabbli huwa wkoll irrilevanti fir-rigward tal-punt dwar jekk hemmx att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku u dwar ir-responsabbiltà eventwali tal-imsemmija kumpanniji abbażi tad-drittijiet tal-awtur.

44. Il-provvista ta' kull apparat tekniku intiż sabiex iwettaq jew jirċievi komunikazzjoni mill-bogħod normalment isseħħ fil-kuntest ta' attività bi qligħ. Il-qligħ minn din l-attività huwa bbażat fil-parti l-kbira tiegħu fuq il-fatt li l-imsemmi apparat jintuża sabiex iwettaq jew jirċievi l-komunikazzjoni ta' xogħlijiet protetti bid-drittijiet tal-awtur u bid-drittijiet relatati – dan huwa l-għan prinċipali tax-xiri ta' tali apparat. Madankollu, l-ebda remunerazzjoni ma hija dovuta lill-proprjetarji tal-imsemmija drittijiet min-naħa tal-fornituri ta' tali apparat [28]. Huwa proprju sabiex jilqgħu kontra l-argument li jitlob tali remunerazzjoni li l-firmatarji tat-Trattat tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) dwar id-Drittijiet tal-Awtur [29], fid-dikjarazzjoni komuni dwar l-Artikolu 8 ta' dan it-trattat, u bħalhom il-leġiżlatur tal-Unjoni fil-premessa 27 tad-Direttiva 2001/29, indikaw li s-sempliċi provvista ta' apparat tekniku ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala komunikazzjoni lill-pubbliku. Huwa irrilevanti din il-provvista tkunx saret taħt il-forma ta' bejgħ, kiri għal perijodu twil, kiri għal perijodu qasir jew xi mod ieħor.

45. B'hekk, fil-każ ta' kiri ta' vetturi mgħammra b'settijiet tar-radju, fl-opinjoni tiegħi ma hemmx att ta' komunikazzjoni fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata f'dawn il-konklużjonijiet. Għalhekk ma hemmx raġuni għalfejn jiġi eżaminat jekk hemmx il-preżenza tat-tieni element ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, jiġifieri l-pubbliku.

46. Għalhekk nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kiri ta' vetturi mgħammra b'settijiet tar-radju ma jikkostitwixxix komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

### *Fuq it-tieni domanda preliminari*

47. Permezz tat-tieni domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-volum tal-attività ta' kiri ta' vetturi u t-tul tal-kiri jistax ikollhom effett fuq ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda.

48. Fid-dawl tar-risposta li nipproponi li tingħata għall-ewwel domanda preliminari, ir-risposta għat-tieni domanda tista' tkun biss waħda negattiva. L-attività inkwistjoni ma tikkostitwixxix komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens tad-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija, irrispettivament mill-volum ta' din l-attività u t-tul tal-kiri.

49. Huwa biss biex inkun eżawrjenti li ser nittratta fil-qosor l-analiżi tat-tieni domanda preliminari, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv għall-ewwel domanda.

28 Bl-eċċezzjoni, jekk ikun il-każ, tal-kumpens minħabba l-kopja privata previst fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29.

29 Trattat iffirmat fl-20 ta' Diċembru 1996 f'Genève u approvat f'isem l-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/278/KE, tas-16 ta' Marzu 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 208).

50. Skont ġurisprudenza stabbilita ferm, il-pubbliku li lilu għandha tkun indirizzata komunikazzjoni għandu jkun magħmul minn numru potenzjalment mhux stabbilit, iżda pjuttost sinjifikattiv ta' persuni, b'tali mod li jkun hemm limitu *de minimis* li jeskludi minn dan il-kunċett grupp ta' persuni kkonċernati żgħir wisq, jew saħansitra insinjifikattiv. Barra minn hekk jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-effetti kumulattivi li jirriżultaw mit-tqegħid għad-dispożizzjoni tax-xogħlijiet protetti lil destinatarji mhux biss b'mod parallel, iżda anki b'mod suċċessiv[30].

51. Dawn il-kunċetti huma evidentement vagi u l-interpretazzjoni tagħhom tiddependi bis-sħiħ mill-fatti ta' kull każ konkret. Madankollu, nikkunsidra li meta l-attività ta' kiri ta' vetturi ma tillimitax ruħha għal każijiet iżolati ta' kiri, iżda jkollha natura ta' attività permanenti, in-numru ta' klijenti suċċessivi jkun suffiċjentement sinjifikattiv sabiex jinqabeż il-limitu ta' numru insinjifikattiv. B'mod partikolari, dawn il-klijenti ma jiffurmawx parti minn ċirku ta' persuni partikolari li jista' jiġi assimilat ma' ċirku privat[31]. B'hekk, il-volum ta' tali attività, sakemm għandha natura permanenti, ma għandux effett fuq l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' komunikazzjoni lill-pubbliku.

52. F'dak li jirrigwarda t-tul tal-kiri tal-vetturi, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jagħmlu distinzjoni bejn il-kiri għal perijodu qasir, li ma jaqbiżx id-29 jum, u l-kiri għal perijodu twil. Huma jsostnu li minn 30 jum ta' kiri l-vettura ma tibqax spazju pubbliku, iżda ssir spazju privat, b'tali mod li l-preżenza ta' sett tar-radju fl-imsemmija vettura ma tibqax tikkostitwixxi komunikazzjoni lill-pubbliku.

53. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tiddeċiedi li n-natura pubblika jew privata tal-ispazju li fih tiġi rċevuta l-komunikazzjoni lill-pubbliku ma għandha l-ebda effett fuq l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' din il-komunikazzjoni, bir-riskju li d-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jitlef is-sinjifikat tiegħu[32].

54. B'hekk, it-tul tal-kiri tal-vettura u l-allegata natura pubblika jew privata tiegħu li tirriżulta minnu ma għandhom l-ebda effett fuq l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' komunikazzjoni lill-pubbliku.

55. Konsegwentement, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv għall-ewwel domanda preliminari, din ir-risposta, bħal risposta negattiva, ma għandha bl-ebda mod tinbidel skont il-volum tal-attività ta' kiri ta' vetturi u lanqas skont it-tul ta' dan il-kiri.

## Konklużjoni

56. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li għandha tingħata r-risposta segwenti għad-domandi preliminari mressqa mill-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema, l-Isvezja):

L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kiri ta' vetturi mgħammra b'settijiet tar-radju ma jikkostitwixxix komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

30 Ara, reċentement, is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2017, Stichting Brein (C-610/15, EU:C:2017:456, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Ara, għall-kuntrarju, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punt 95).

32 Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punti 50, 51 u 54).